KUNSILL LOKALI | | LOCAL COUNCIL

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 007/2021

1 ta' Lulju 2021

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Alison Zerafa Civelli | – Sindku |
| Marco Agius | – Vici-Sindku |
| Noyah Spiteri Hammett | – Kunsilliera |
| Martin Vella | – Kunsillier |
| James Cauchi | - Kunsillier |
| Melanie Agius Attard | - Kunsilliera |
| Johann Scerri | – Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgha

### 7.1 Qari ta' ittri ta' apologija

7.1.1 Ma kienx hemm

F'dan l-istadju il-Kunsillier Johann Scerri hareg mis-seduta (18:01)

### 7.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

7.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 5/2021 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

7.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Melanie Agius ssekondata mis-Sur Martin Vella, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

7.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

7.2.4 Il-minuti ta' seduta numru 6/2021 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

7.2.5 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Melanie Agius ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

7.2.6 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

F'dan l-istadju il-Kunsillier Johann Scerri dahal lura ghas-Seduta ( 18:11)

### 7.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

7.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'konferenza ghall-istamps li kienet inzammet, u li ghaliha kienet prezenti f'isem il-Kunsill Lokali, li matulha inghataw dettalji dwar progett nazzjonali li permezz tieghu il-hamiem selvagg kien ser jibda jigi mitmugh ikel sterilizzanti.

7.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien mal-Vici-Sindku kellha laqgha ma' entita' bil-ghan illi jitfassal pjan sabiex kemm il-darba ikun possibbli l-istess entita' tiffinanzja progett fi Triq Dahlet it-Tlett Ibliet.

7.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet attendiet ghal konferenza ghall-istampa li matulha gew imhabbra progetti li kienu inghazlu b'konnessjoni ma' skema mahruga mill-Agenzija LESA. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, sottomissjoni tal-Kunsill Lokali ta' Bormla kienet wahda minn dawk maghzula.

7.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien ma' rapprezentanti tal-Kunsill Lokali u membri tal-familja tal-artist Joseph Casha kienet attendiet ghal laqgha mal-Onor. Jose' Herrera bil-ghan illi jkun hemm diskussjonijiet dwar proposta' ta' opra artistika li kien qieghed jigi propost illi tigi installata f'Bacir Numru 1. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward kien qieghed jidher illi kien ser ikun hemm ezitu pozittiv ghall-proposta msemmija.

7.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi fuq inizjativa tal-librar tal-Kunsill Lokali kienet giet sottomessa applikazzjoni, liema applikazzjoni kienet giet milqugha sabiex isir meljorament fil-librerija tal-lokalita'. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi flimkien mal-Onor. Byron Camilleri kien gie ffirmat kuntratt bejn Komunitajiet Malta u l-Kunsill Lokali ghall-progett imsemmi.

7.3.6 Is-Sindku ghaddiet lill-Kunsill Lokali informazzjoni dwar laqgha li l-Forum Komunita' Bormliza, immexxi mis-Sa. Yana Mintoff, kien zamm matul ix-xahar ta' Gunju hekk kif kien isehh b'mod regolari

7.3.7 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien ma' rapprezentanti tal-Kunsill Lokali, matul ix-xahar ta' Gunju 2021, kellha numru ta' laqgha ma' rapprezentanti tal-korp tal-pulizija ( Supretendent, spettur u *community police team*).

7.3.8 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien kienet attendiet ghall-varar tal-progett school grannies, liema progett kien qieghed isir bi shab bejn il-Kunsill Lokali ta' Bormla u l-agenzija Active Ageing and Community Care. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi aktar dettalji dwar il-materja kienu ser ikunu qieghdin jigu diskussi aktar tard waqt l-istess seduta.

7.3.9 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'konferenza ghall-istampa li kienet inzammet matul Gunju 2021 u li matulha kien gie mhabbar progett bl-isem ta' *family park* biswit il-kumpless sportiv tal-kottonera. Is-Sa. Zerafa Civelli ghaddiet dettalji tal-progett li kien ser ikun qieghed jigi implimentat.

7.3.10 Is-Sa. Zerafa Civelli infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi nhar it-8 ta' Lulju 2021 fis-18:30 kienet ser tkun qieghda tinzamm laqgha ghar-residenti ta' Triq il-Pellegrinagg u Triq il-Karmnu b'konnessjoni ma' progett bl-isem 'Dar Tereza' li kien qieghed jigi implimentat mill-fondazzjoni Richmond.

7.3.11 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet attendiet laqgha li matulha kien gie diskuss progett bl-isem ta' Green Belt Project. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-ghan ewlieni tal-progett kien dak li jinstabu zoni li potenzjalment setghu jigu zviluppati fi spazji ghal mixjiet u rilassament u jsir it-titjib mehtieg bil-ghan illi jkunu fi stat itjeb minn dak prezenti

## 7.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

7.4.1 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa lis-Sindku : "Jista' l-Kunsill Lokali jigi infurmat ghalfejn il-Kunsilliera ma gewx infurmati bil-progett ta' *family park* li gie mhabbar permezz ta' konferenza ghall-istampa".
Is-Sindku wiegbet : "Il-progett imur lura ghal numru ta' snin. B'konnessjoni ghall-konferenza ghall-istampa, il-Kunsill Lokali ircieva stedina u jien attendejt f'isem il-Kunsill Lokali".

7.4.2 Il-Kunsilliera Martin Vella staqsa lis-Sindku : "Il-Kunsill Lokali ser ikun qieghed jigi infurmat bil-progett ta' Triq Dahlet it-Tlett Ibliet?".
Is-Sindku wiegbet : "Iva, il-Kunsill Lokali irid japprova l-progett".

7.4.3 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv : " Kienet ittiehdet azzjoni dwar mozzjoni li kont ghaddejt ghall-ftuh ta' passagg hdejn il-mina tal-Fgura".
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb: "Iva, intbaghtet ittra lill-awtoritajiet koncernati".

7.4.4 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv : " Kienet intbaghtet korrispondenza lil Transport Malta rigward mozzjoni u diskussjoni li kellna mas-Sur Andrew Haig"
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb: "Iva, intbaghtet sensiela ta' korrispondenza lill-individwu msemmi".

7.4.5 Is-Sur Martin Vella staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv : "Intbaghtet risposta ghal e-mail li l-Kunsill Lokali ircieva b'konnessjoni ma' Triq il-Kuncizzjoni u li giet imwiegba b'mod hazin?".
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : "Iva l-individwu gie kkuntattjat permezz ta' e-mail u infurmat kif kienet ser tigi rizolta l-materja".
Is-Sur Martin Vella gibed l-attenzjoni ghall-fatt illi l-email kienet waslet ghand l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali nhar it-3 ta' Gunju 2021 u giet imwiegba biss fl-24 ta' Gunju 2021.

## 7.5 Approvazzjoni ta' skedi ta hlasijiet;

7.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru06/21) ghall-approvazzjoni.

7.5.2 Fuq proposta tas-Sur Johann Scerri ssekondat mis-Sur Martin Vella, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

7.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' Mejju 2021.

7.5.4 Fuq proposta tas-Sur Johann Scerri ssekondata mis-Sur Martin Vella, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta’ petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok B)

**7.6 Mozzjonijiet**

7.6.1 Mozzjoni numru 09/2021 (VIII)
Nipproponi li l-Kunsill Lokali jaghmel talba b’mod ufficjali lill-Ministeru ghat-Trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali bil-ghan illi jizdiedu l-bankijiet f’Bacir Numru 1. L-istess bankijiet ghandhom jigu mitluba wara li fuq il-media socjali ilhom jidhru numru ta’ ilmenti illi hemm nuqqas kbir ta’ bankijiet. Idejalment, l-istess bankijiet ikollhom dahar ghaliex din kienet wahda mill-materji li ngibdet l-attenzjoni dwarha.

Proponent : Martin Vella
Sekondant : Johann Scerri

Il-mozzjoni ghaddiet b’votazzjoni unanima.

**7.7 Sejhiet ghall-offerti**

7.7.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz ta’ dokument ta’ sejha ghall-offerti b’konnessjoni ma’ xiri u installazzjoni ta’ apparat ta’ irrigazzjoni ghal gnien fi Pjazza Santa Margerita, hekk kif diskuss fis-seduta precedenti. Wara li inghataw dettalji tad-dokument, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera illi kellha tigi ppublikata sejha hekk skont id-dokument imressaq. Gie deciz wkoll illi s-Sinjuri Ramona Falzon Gatt u Ivan Zammit kellu jkollhom ir-rwol ta’ Opening staff, filwaqt li s-Sinjuri Romina Perici Ferrante, Martin Vella u Marco Agius kellhom ikunu l-evalwaturi tal-imsemmija sejha ghall-offerti.

7.7.2 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz ta’ dok ument ta’ sejha ghall-offerti ghall-knis ta’ toroq b’metodi favur l-ambjent. Wara li inghataw dettalji tal-kontenut tad-dokument, filwaqt li kien hemm qbil fil-principju mal-kuncett propost, kien hemm diskussjoni libera rigward in-numru ta’ impjegati li l-kuntrattur maghzul kellu jigi obbligat jipprovdi permezz tal-kuntratt. Matul l-istess diskussjoni, gie ttrattat fost l-ohrajn l-aspett finanzjarju tal-kuntratt. Intlehaq qbil illi kellha tinzamm diskussjoni mal-Cleansing and Maintenance Directorate bil-ghan illi tigi evalwata l-possibilita’ illi l-Kunsill Lokali jircievi assistenza fis-servizz imsemmi.

**7.8 Bye-Laws**

7.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien ghaddej il-process flimkien mal-avukat imqabbad bil-ghan illi jigu adottati sett ta’ bye-laws ghal kiri ta’ kafeterija/ snack-bar li kien ser ikun hemm fi grawnds Peppi Delceppo. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jigi mizmum aggornat b’eventwali zviluppi li seta’ jkun hemm dwar il-materja.

7.8.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni mal-progett nazzjonali li permezz tieghu il-hamiem selvagg kien ser jibda jigi mitmugh ikel sterilizzanti li ssemma aktar kmieni matul l-istess seduta, kien qieghed jigi rakkomandat illi l-Kunsilli Lokali jadottaw sett ta' bye-laws li permezz taghhom isir illegali illi wiehed jitma hamiem selvagg. Dan bil-ghan illi l-istess progett ikun aktar efffettiv. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellu jigi varat il-process legali bil-ghan illi l-imsemmija sett ta' bye-laws jigu adottati ghal-lokalita'.

**7.9 Rapporti**

7.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li l-udituri tal-Gvern kien zaru l-Kunsill Lokali u gew ezaminati l-financial statements li kienu gew sottomessi, kienu gew prosposti xi aggustamenti. Is-Sindku stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega fid-dettall l-aggustamenti proposti.

7.9.2 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega l-aggustamenti, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Marco Agius ssekondat mis-Sur Martin Vella, b'votazzjoni unanima il-Kunsill Lokali approva l-aggustamenti hekk kif proposti.

7.9.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien ghaddej il-process bil-ghan illi hekk kif propost mad-dhul tal-istudenti fl-iskejjel f'Settembru 2021 jigi implimentat il-progett bl-isem *school grannies*. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi bi qbil mad-dipartiment ikkoncernat, kienet ser tkun qieghda tigi varata sejha ghal-espressjoni ta' interess minn anzjani li kienu disposti illi jippartecipaw fil-progett.

7.9.4 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Gie deciz illi kellha tigi milqugha talba sabiex parti minn Triq Santa Liena tissemma ghall-artist Joseph Casha. Dan wara diskussjoni mal-familjari tas-sur Casha.
- Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'komunikazzjoni li kienet waslet minghand l-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali b'konnessjioni ma' progett nazzjonali li kien issemma' aktar kmieni waqt l-istess seduta.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi proposta li kienet waslet minghand il-Malta Beekeepers Association ma kenitx applikabbli ghal-lokalita' peress li gewwa Bormla ma kienx hemm zoni mhux urbani.
- Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bil-progett ta' stewards ghall-annimali, varat mill-Gvern Centrali, liema progett il-Kunsill Lokali kien wera l-interess tieghu fih.
- Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'komunikat minn ERA li permezz tieghu, il-Kunsill Lokali gie mitlub jistalla' bring-in-site ghal kull elfejn resident. Wara li gie stabbilit l-ammont ta' bring-in-sites li kellhom jigu installati, gie deciz illi dawn kellhom jitpoggew gewwa Triq il-Karmnu, Triq il-Gublew tal-Fidda u Kwartier San Nikola.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'korrispondenza li kienet intbaghtet mis-Sur Carol Spiteri b'konnessjoni ma' inizjativa bl-isem ta' Cospicua. Is-Sur Johann

Scerri informa lill-Kunsill Lokali illi flimkien mas-Sur Spiteri u l-membri tas-Sotto-Kumitat tieghu kien qieghed jahdem fuq il-materja.

- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'inizjativa li kienet thabbret u li permezz taghha il-Kunsilli Lokali interessati kienu gew mistiedna juru interess ghall-holqien ta' community gardens. Is-Sa. Zerafa Civelli infurmat lil dawk prezenti illi l-Kunsill Lokali ta' Bormla kien wera l-interess tieghu fir-rigward.

**Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

Is-seduta giet fi tmiemha fit-8:30 p.m. minghajr ma giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghat-8 ta' Lulju 2021 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum 5 t'Awwissu, 2021

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | _______________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |